

31993L0093

L 311/76

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

14.12.1993

ID-DIRETTIVA 93/93/KEE TAL-KUNSILL**tad-29 ta' Ottubru 1993****dwar il-massa u dimensjonijiet ta' vetturi b'żewġ jew bi tliet roti**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽²⁾,

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽³⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽⁴⁾,

Billi s-suq intern għandu jkun fih żona mingħajr fruntieri interni li fiha ċ-ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital hija assicurata; billi l-miżuri meħtieġa għall-operazzjoni tagħha għandhom ikunu adottati;

Billi fir-rigward tal-massa u tad-dimensjonijiet, f'kull Stat Membru vetturi b'żewġ jew bi tliet roti għandhom juru ċerti karatteristiċi tekniċi stabbiliti permezz ta' disposizzjonijiet mandatorji li jddifferixxu minn Stat Membru għal ieħor; billi, bħala riżultat tad-differenzi tagħhom, daww id-disposizzjonijiet jikkostitwixxu barriera għall-kummerċ fi ħdan il-Komunità;

Billi dawn il-barrieri għall-operat tas-suq intern jistgħu jitneħħew jekk l-istess ħtiġijiet ikunu adottati mill-Istati Membri kollha minflok ir-regoli nazzjonali tagħhom;

Billi huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti ħtiġijiet armonizzati dwar il-massa u d-dimensjonijiet ta' vetturi b'żewġ jew bi tliet roti sabiex ikunu ffaċilitati l-proċeduri dwar l-approvazzjoni tat-tip u l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti stabbiliti fid-Direttiva 92/61/KEE li għandhom ikunu applikati għal kull tip ta' daww il-vetturi;

Billi, minħabba l-kobor u l-impatt ta' l-azzjoni proposta fis-settur in kwistjoni, il-miżuri tal-Komunità koperti b'din id-Direttiva huma meħtieġa, anzi essenzjali, biex ikun milħuq l-għan in

vista, li hu li jkun stabbilit fil-Komunità approvazzjoni tat-tip ta' vettura; billi dak il-għan ma jistax ikun milħuq b'mod adegwat mill-Istati Membri individwalment;

Billi d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx jobbligaw daww l-Istati Membri li ma jippermettux vetturi b'żewġ roti fit-territorju tagħhom li jgħorru karrijiet li jemendaw ir-regoli tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva flimkien ma' l-Anness tagħha tapplika għall-massa u dimensjonijiet tat-tipi kollha ta' vetturi kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/61/KEE.

Artikolu 2

Il-proċedura għall-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponent għar-rigward tal-massa u d-dimensjonijiet tat-tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-moviment liberu ta' daww il-vetturi għandhom ikunu kif stabbilit fil-Kapitoli II u III tad-Direttiva 92/61/KEE.

Artikolu 3

Xi emendi meħtieġa biex jiġu addattati l-ħtiġijiet ta' l-Annessi għall-progress tekniċu għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE ⁽⁵⁾.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipublikaw id-disposizzjonijiet meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Mejju 1995. Huma għandhom minnufih jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal dik fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom issir dik ir-riferenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 225, 10.8.1992, p. 72.

⁽²⁾ ĠU C 293, 9.11.1992, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 337, 21.12.1992, p. 104 u d-Deċiżjoni tas-27 ta' Ottubru 1993 (li għadha mhix ippublikata fl-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ ĠU C 73, 15.3.1993, p. 22.

⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar ir-resqien tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1), Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/53/KEE (ĠU L 225, 10.8.1992, p. 1).

2. Mid-data msemmija fil-paragrafu 1 l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet konnessi mal-massa u mad-dimensjonijiet, jipprojbixxu d-dħul inizjali fis-servizz ta' vetturi li huma konformi ma' din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 mill-1 ta' Novembru 1995.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fid- 19 ta' Ottubru 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

R. URBAIN

ANNEX

DEFINIZZJONIJIET, ĦTIĠIET ĠENERALI U SPEĊIFIĊI

1. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

1.1. *tul*

tfisser id-distanza bejn żewġ pjanijiet vertikali perpendikulari għall-pjan lonġitudinali tal-vettura u t-tanġenti man-naħa ta' quddiem u ta' wara tal-vettura, rispettivament. Il-partijiet kollha tal-vettura u, b'mod partikolari, kull parti mwaħħla li testendi lejn in-naħa ta' quddiem jew wara (*bumpers, mudguards, eċċ.*) għandhom ikunu inklużi f'dawk iż-żewġ pjanijiet;

1.2. *wisa'*

tfisser id-distanza bejn żewġ pjanijiet paralleli għall-pjan lonġitudinali tal-vettura u t-tanġenti mal-vettura fuq iż-żewġ naħat ta' dak il-pjan. Il-partijiet kollha tal-vettura u, b'mod partikolari, il-partijiet kollha mwaħħla mal-ġenb għandhom ikunu inklużi f'dawk iż-żewġ pjanijiet, u bl-eċċezzjoni tal-mirja tal-veduta ta' wara);

1.3. *għoli*

tfisser id-distanza bejn il-pjan li jappoġġja l-vettura u l-pjan paralleli tanġenti mal-parti ta' fuq tal-vettura. Il-partijiet kollha mwaħħla tal-vettura għandhom ikunu inklużi ġewwa dawk iż-żewġ pjanijiet, bl-eċċezzjoni tal-mirja tal-veduta ta' wara (s);

1.4. *pjan lonġitudinali*

tfisser il-pjan vertikali li hu paralleli mad-direzzjoni dritta tat-traġitt tal-vettura;

1.5. *massa mhux mgħobbija*

tfisser il-massa tal-vettura lesta għall-użu normali u mgħammra kif ġej:

- apparat addizzjonali meħtieġ biss għall-użu normali taħt il-konsiderazzjoni,
- apparat elettriku komplut, inkluż id-dawl u l-apparati li jagħmlu sinjali bid-dawl fornuti mill-fabbrikant,
- strumenti u apparat meħteġa mil-liġijiet li permezz tagħhom il-massa mhix mgħobbija tal-vettura tkun ġiet imkejla,
- l-ammonti xierqa ta' likwidi sabiex tkun assigurata l-operazzjoni xierqa tal-partijiet kollha tal-vettura.

NB: il-karburanti u t-taħlita ta' żjut/karburanti ma humiex inklużi fil-kejl, iżda l-komponenti bħal ma hu l-aċidu tal-batterija, iż-żejt idrawliku, il-likwidu tat-tberrid u ż-żejt tal-makna għandhom ikunu inklużi;

1.6. *massa li tkun taħdem*

tfisser il-massa mhix mgħobbija li magħha l-massa tal-komponenti li ġejjin tkun miżjuda:

- karburanti: tank mimli b'għall-inqas 90 % tal-kapaċità ddikjarata mill-fabbrikant,
- apparat addizzjonali normalment fornit mill-fabbrikant b'żieda ma' dak meħtieġ għall-operazzjoni normali (sett ta' l-għodda, l-ixkaffa tal-bagolli, il-windscreen, apparat protettiv, eċċ.).

NB: fil-każ ta' vettura li taħdem b'taħlita ta' żejt/karburanti:

- (a) meta l-karburanti u ż-żejt ikunu mħallta minn qabel il-kelma "karburanti" għandha tkun interpretata li tfisser it-taħlita minn qabel ta' dan it-tip ta' karburanti u żejt;
- (b) meta l-karburanti u ż-żejt jitpoġġew b'mod separat il-kelma "karburanti" għandha tkun interpretata li tfisser biss il-petrol. F'dan il-każ, iż-żejt ikun diġà inkluż fil-kejl tal-massa mhix mgħobbija;

1.7. *massa tar-rikkieb*

b'konvenzjoni, hu meqjus li tkun ċifra tonda ta' 75 kg;

- 1.8. *massa massima teknikament permissibbli*
 tfisser il-massa kkalkulata mill-fabbrikant għall-kondizzjonijiet ta' operazzjoni speċifika, meta wieħed jikkunsidra l-fatturi bħas-saħħa tal-materjali, kapaċità ta' tagħbija tat-tyres, eċċ.;
- 1.9. *tagħbija ewlenija massima ddikjarata mill-fabbrikant*
 tfisser it-tagħbija miksuba billi jitnaqqas il-massa kif definta fil-paragrafu 1.6, bil-massa tar-rikkieb (kif definit fil-paragrafu 1.7), mill-massa definita fil-paragrafu 1.8.
2. ĦTIĠIET ĠENERALI
 Il-ħtiġijiet li ġejjin għandhom ikunu mħarsa matul l-iċċekkjar:
- 2.1. id-dimensjonijiet għandhom jiġu mkejla fil-vettura fl-massa mhix mgħobbija tagħha u t-tyres tagħha min-fuħa għall-prensa rrakkomandata mill-fabbrikant għall-massa mhix mgħobbija;
- 2.2. il-vettura għandha tkun fpożizzjoni vertikali u r-roti fpożizzjoni li jikkorrispondu ma' traġitt flinja dritta;
- 2.3. ir-roti kollha tal-vettura għandhom ikunu mwieżna mill-pan ta' l-appoġġ, bl-eċċezzjoni ta' kull rota ta' riserva.
3. ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI
- 3.1. **Dimensjonijiet massimi**
- 3.1.1. Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti jew b'erba' roti huma kif ġej:
- 3.1.1.1. – tul: 4,00 m,
- 3.1.1.2. – wisa': 1,00 m għal *mopeds* b'żewġ roti,
 2,00 m għall-vetturi l-oħra,
- 3.1.1.3. – għoli: 2,50 m.
- 3.2. **Massa massima**
- 3.2.1. Il-massa massima għall-vetturi bil-mutur b'żewġ roti hija l-massa teknikament permissibbli ddikjarat mill-fabbrikant.
- 3.2.2. Il-massa massima mhix mgħobbija għall-vetturi bil-mutur bi tliet jew erba' roti huma kif ġej:
- 3.2.2.1. *vettur bil-mutur bi tliet roti:*
 270 kg għal *mopeds*;
 1 000 kg għal triċikletti (l-ebda akkont ma jittieħed tal-massa tal-batterija tat-trazzjoni għall-vetturi elettriċi);
- 3.2.2.2. *vetturi bil-mutur b'erba' roti:*
 350 kg – kwardi-ċikli ħfief;
 400 kg – kwadri-ċikli apparti milli ħfief għal trasport ta' persuni;
 550 kg – kwadri-ċikli apparti minn ħfief għal trasport ta' merkanzija (l-ebda akkont m'għandu jittieħed tal-massa tal-batterija tat-trazzjoni għall-vetturi elettriċi).
- 3.2.3. It-tagħbija normali massima ddikjarata mill-fabbrikant għall-vetturi bil-mutur bi tliet jew b'erba' roti huma kif ġej:
- 3.2.3.1. *mopeds bi tliet roti:*
 300 kg;
- 3.2.3.2. *kwadri-ċikli ħfief:*
 200 kg;
- 3.2.3.3. *triċikletti:*
- 3.2.3.3.1. għal trasport ta' merkanzija:
 1 500 kg;

- 3.2.3.3.2. għal trasport ta' persuni:
300 kg;
 - 3.2.3.4. *kwadri-ċikli, apparti minn daww ħfief:*
 - 3.2.3.4.1. għal trasport ta' merkanzija:
1 000 kg;
 - 3.2.3.4.2. għal trasport ta' persuni:
200 kg;
 - 3.2.4. vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti jew b'erba' roti jistgħu jkunu awtorizzati li jgħorru massa ddikjarat mill-fabbrikant li ma teċċedix 50 % tal-massa mhix mgħobbija tal-vettura.
-

*Appendiċi 1***Dokument ta' informazzjoni f'dak li jirrigwardja l-massa u d-dimensjonijiet ta' tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti**

(li għandha tkun meħmuża ma' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponenti meta din tkun sottomessa separatament mill-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura)

Nru tal-Ordni (mogħti mill-applikant):

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent fir-rigward tal-massa u d-dimensjonijiet tat-tip tal-vettura bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti għandha jkollha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II tad-Direttiva 92/61/KEE:

- taħt Parti A, taqsimiet:
 - 0.1,
 - 0.2,
 - 0.4 sa 0.6,
 - 1.2,
 - 2.1 sa 2.5,
 - taħt Parti C, taqsima 1.2.1.
-

Appendiċi 2

Isem ta' l-amministrazzjoni

Ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip f'dak li jirrigwardja l-massa u d-dimensjonijiet tat-tip tal-vettura bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti:

MUDELL

- Rapport Nru. b'servizz tekniku. data.
- Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent Numru ta' l-Estensjoni
1. L-isem tad-ditta jew l-isem tal-vettura:
 2. Tip tal-vettura:
 3. L-isem u l-indirizz tal-fabbrikant:
 -
 4. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-fabbrikant (jekk ikun hemm):
 -
 5. Id-Data li fiha l-vettura tkun ġiet ippreżentata għat-testijiet:
 6. L-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, mogħtija/miċħuda ⁽¹⁾
 7. Post:
 8. Data:
 9. Firma:

⁽¹⁾ Ħassar kif meħtieġ.